# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

## SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 50 Parti "B"

**17 ta' Novembru, 2016**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Highrise Appartments Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fl-4.30 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Frank Roe – Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 50.1 Komunikazzjoni mis-Sindku

**50.1.1 Is-Sindku ippropona li l-ikla tal-istaff issir fit-28 ta Diċembru.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.**

**50.1.2 Is-Sindku stqarr li ħa jkun qiegħed jagħmel mil-aħjar li jista biex inkunu nistgħu nieħdu ammont ikbar mil-flus li huma allokati tar-regjun.**

**Is-Sindku stqarr li għandna bżonn ngħinu lil knisja biex inġibu iktar artisti internazzjonali.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.**

**50.1.3 Is-Sindku stqarr li ħwejjeġ oħra li huwa ser jikkomunika fuqhom illum huma parti min punti oħra tal-aġenda, u għaldaqstant ser jiġu msemmija f'dawn il-punti waqt il-kors tal-laqgħa ta' llum stess.**

## 50.2 Rapporti

**50.2.1 F Roe – Hemm ammont ta' tabelli li telqilhom il-kulur u għandhom bżonn jinbidlu. Hemm minnhom l-isticker tkun biżżejjed. Hemm bżonn ukoll tabella fi Triq Abate Rigord li turi t-triq lejn il-Belt Valletta.**

**Sindku – Importanti li jsiru tabelli li jindikaw id-direzzjonijiet peress li meta saru l-kambjamenti ma twaħħlux tabelli biżżejjed minn T*ransport Malta.***

**50.2.2 F Roe – Għandu jsir pjan biex inkunu nistgħu napplikaw għal fondi biex inkunu nistgħu nirranġaw xi toroq u bankini.**

**Sindku - Il-fondi ilhom jeżistu u għandu jiġi minnha li napplikaw għalihom.**

**50.2.3 F Roe – Nipproponi li din is-sena jerġa jsir id-*dinner dance*.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.**

**50.2.4 L Cachia Castelletti – Għandhom jintbagħtu l-*invitations* tal-*meeting* tal-*Connecting through Culture*. Hemm ukoll fondi għaliha din li nistgħu napplikaw għalihom. Kellimt lil *Arts Council*. Ħa niċċekja**

jistgħux jagħtuna flus għal *event* ta' *Connecting through Culture*. Għas-sena id-dieħla nistgħu nippruvaw inkellmu lil *Heritage Malta* għal *stand* ta' Malta.

Sindku – Il-palk kien tajjeb ħafna u kantanti stajna ġibna tagħna. Għal *stand* ta' Malta nistgħu ukoll nkellmu lil *Visit Malta* u lil Din l-Art Helwa. L-importanti li nibdew naħsbu għalihom fil-bidu tas-sena d-dieħla. Nixtieq ukoll il-parteċipazzjoni tal-Japan u l-Ambaxxata Ingliża.

E Muscat – Trid issir enfasi biex dan l-*event* jikber iktar. Jekk nibdew naħdmu minn qabel inkunu nistgħu ngħinu lil xi Ambaxxati biex japplikaw għal *visas* tal-*performers*.

50.2.5 F Roe – Hemm tmienja u għoxrin bozza maqtuwa in-naħa tal-*Marina* ħdejn il-*Mamma Mia.*

50.2.6 L Cachia Castelletti – It-tappiera ta' quddiem ir-*Remedies* qiegħda ħażin. Nistgħu napplikaw il-*Water Works* biex jirranġawha.

50.2.7 L Cachia Castelletti – Is-Seminar tal-Ecad kien tajjeb ħafna u l-kelliema kienu vera tajbin. Is-Seminar kien relatat mal-kriminalita' u kien jispjega programmi għal persuni li jabbużaw mid-droga. Kellimt lil tas-Sedqa u għamilt kuntatti ġodda. Inkunu nistgħu norganiżżaw *seminars* dwar id-droga. Dawn jagħmlu *puppet shows* u jafu jmorru mat-tfal. Fil-ġnien fil-parti tagħna għandhom jitpoġġew *billboards* b'tagħrif dwar din it-tip ta' kriminalita'.

F Roe – Għandu jsir *survey* fuq Ta' Xbiex biex naraw jekk teżistiex il-problema tad-droga.

Sindku – Aħna tajna opportunita' lil Caritas mil-Ecad biex ikunu jistgħu itejjbu l-għarfien tagħhom u jkunu jistgħu iwasslu messaġġ aħjar fil-komunita'.

50.2.8 L Cachia Castelletti – Għandha wkoll tiġi indirizzata il-problema tal-prostituzzjoni peress li qiegħda tiżdied il-problema fi Triq Ġiuseppe Cali.

Sindku – Il-Kunsill għandu joħroġ b'kunċett għal *awareness* kontra din it-tip ta' kriminalita'.

L Cachia Castelletti – Għandna wkoll nibgħatu ittra uffiċċjali lil kull min għandu sistema ta' *CCTV* biex inkunu nistgħu nkunu nafu liema *areas* jistgħu jiġu sorverljati.

Sindku – Inkellmu biss lil ħwienet u stabbilimenti li qegħdin f'postijiet

**kruċjali. Dawn jistgħu ukoll jitolbuna xi flus biss ma narawx għala għandna nħallsu għal dan it-tip ta' servizz. Il-postijiet għandhom jinkludu il-Yacht Marina u xi ħwienet fi Triq Giuseppe Cali.**

**50.2.9 E Muscat – Għandhom jitneħħew il-ħamiem li hemm fil-lokal tagħna peress li qegħdin iħammġu l-ambjent.**

**Sindku – Dan ma jistgħax isir għax il-mod kif jitneħħew huwa brutali u jagħti stampa kerha tal-lokal tagħna.**

**50.2.10 E Muscat – Għas-sena id-dieħla nistgħu nitħajjru nagħmlu presepju fil-Milied.**

**50.2.11 E Muscat – Ġibt kuntatti biex norganiżża sessjoni ta' taħriġ offruta mid-dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.**

## 50.3 Xogħlijiet ta' LK Limited

**50.3.1 Is-Sindku ippropona li għandhom jintalbu kwotazzjonijiet biex jittranġaw il-bankini ta' Triq Sir Temi Zammit, Triq Sir Augustus Bartolo, Triq id-Deffa u Triq ix-Xatt.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.**

## 50.4 Ġbir ta' skart

**50.4.1 Sindku - Hemm bżonn li nżidu il-ġabra tal-borża is-sewda peress li inħolqot problema fil-lokal tagħna. Jien naqbel li għandna nisseparaw l-skart imma din qegħda toħolqilna sitwazzjoni fejn qiegħed ikun hemm ammont kbir ta' boroż suwed barra fil-ġranet li ma tinġabarx din il-borża. Il-kuntrattur suppost jiġbor il-borża is-sewda erba' darbiet imma kellna ndawwru kollox minħabba s-sistema tal-*Wasteserv*.**

**L Cachia Castelletti – Il-kuntratt tal-*waste collection* għandu jittranġa peress li inbidel ix-xenarju.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jsir xi ħaġa biex tittranġa din is-sitwazzjoni.**

## 50.5 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir l-Erbgħa 7 ta' Diċembru 2016.

### 50.7.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija.

**Konfermati, illum l-Erbgħa 7 ta' Dicembru, 2016.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Max Zammit** | **Clayton Xuereb** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |